**Kunsill Lokali Pembroke**
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
**Tel** : (+356) 2137 2111 **Fax** : (+356) 2137 2555
**Web page** : www.pembroke.gov.mt
**e-mail** : pembroke.lc@gov.mt

**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
**Tel** : (+356) 2137 2111 **Fax** : (+356) 2137 2555
**Web page** : www.pembroke.gov.mt
**e-mail** : pembroke.lc@gov.mt

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Pembroke

## TMINN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 11/2023

**L-Erbgħa 27 ta' Settembru, 2023**

Il-Kunsill Lokali Pembroke ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Alamein, Pembroke, fis-2:00 ta' wara nofsinhar.

**PREŻENTI:**

Dean Hili – Sindku

Omar Elaref Arab – Viċi Sindku

Désirée Vella Brincat – Kunsillier

Charles Cesare – Kunsillier

Raymond Lanzon – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ħadd

**ASSENTI**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Kevin Borg - Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Dean Hili ppresjeda l-laqgħa.

### 11.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija.

11.1.1. Is-Sindku Dean Hili informa lil-kamra li kulħadd kien preżenti.

### 11.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 10/K8/2023.

11.2.1 Is-Sindku Dean Hili ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti referenza 10/K8/2023 kif ippreżentati.

11.2.2 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

11.2.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

### 11.3 Komunikazzjoni mis-Sindku.

**46/6096/23/I** Email mingħand DB Group fejn b'referenza għall-proġett ta' City Centre bagħtu revised + approved TMP, formal approval ta' TM u bagħtu ritatt tas-siġar li jridu jinqalgħu u jiġu mħawwla x'imkien ieħor fil-lokal.

11.3.1 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/6096/23/I,** fejn ippropona li l-Kunsill jirratifika d-deċizjoni li dawn jitħawwlu f'Misraħ il-Fortizza.

11.3.2 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

11.3.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6100/23/I** Email mingħand ABB Legal fejn bagħtet rendikont ta' x'ġie diskuss fil-laqgħa li saret bejn l-Awtorita' ta' Djar u l-Kunsill b'referenza għall-ħsarat li hemm fis-sit A5-A11 fejn ġie maqbul li l-Kunsill jikkumpila rapport kemm jista' jkun dettaljat kif deskritt, biex imbagħad jippreżentawh lill-Awtorità u jerġgħu jiltaqgħu biex jiddeċiedu flimkien x'jista' jsir u x'hemm bżonn isir mill-aktar fiss .

11.3.4 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/6100/23/I** fejn irrimarka li ġew diskussa żewġ temi partikulari dwar siġar miżrugħa fil-ħwat fuq is-saqaf tal-garaxxijiet u l-ħsara potenzjalment jista' qed issir kif ukoll ħsara li qed ikun hemm fuq il-pavimentar fosthom Sit B, u xquq fil-konkos f'Sit A1 – A4 u f'Sit A5 – A11. Għalhekk ippropona li l-prijorita' għandha tibqa' Sit B peress li l-Awtorita' diġa għamlet spezzjonijiet f'Sit A1 – A4 u A5 – A11.

11.3.5 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

11.3.6 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6117/23/I** Email mingħand resident fejn għadu qed jistenna tweġiba meta ser issir il-laqgħa bejn il-partijiet konċernata minħabba l-istorbju minn Sprachcaffe.

**46/6118/23/I** Email mingħand resident fen b’referenza għall-istorbju minn Sprachcaffe bagħat il-kummenti tiegħu wara l-laqgħa tal-Kunsill u jistenna tweġiba għall-laqgħa li ser issir.

11.3.7 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/6117/23/I u 46/6118/23/I** fejn informa li b’referenza għas-suġġett in kwistjoni aġġorna lill-Kunsill li proprju l-bieraħ saret il-laqgħa ta’ kull xahar mas-Surġent Denise Vella mill-Community Police fejn il-Kunsill ġie nfurmat li l-Pulizija ħarġu *charges* għall-Qorti dwar l-ilment in kwistjoni f’żewġ okkażjonijiet partikolari. Il-kelliem żied li aktar minn hekk, din il-ġimgħa stess il-Kunsill bagħat reminders li ġew segwiti wkoll fil-laqgħa tal-bieraħ sabiex din il-laqgħa ssir malajr kemm jista` jkun, anke jekk l-istaġun wasal fi tmiemu.

**46/6145/23/I** Email mingħand il-PA fejn informaw lill-Kunsill li ser issir diskussjoni online fuq PC/00142/18 l-Australia Hall fis-26 ta' Settembru.

11.3.8 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/6145/23/I** fejn informa lill-Kunsill li jidher li l-unika ostaklu għal deċiżjoni favorevoli huwa l-fatt li l-iżviluppatur ipproġetta parti mid-disinn tiegħu f’żona fejn il-local plan jindika li għandu jkun ġnien. Il-kelliem irrimarka li minn dak li ntqal fil-laqgħa l-bieraħ dan ma jidhirx li huwa xi nuqqas li mhuwiex rivedibbli jew li awtomatikament jiskwalifika l-iżvilupp milli jseħħ. Il-keliem żied ukoll li d-deċiżjoni ġiet aġġornata għall-10 t’Ottubru u ser tkompli tiġi segwita, inkluż billi l-Kunsill isostni l-pożizzjoni tiegħu, peress li fil-laqgħa ndikata ma kienx ressaq il-punti tal-Kunsill għalkemm dawn diġa kienu ġew sottomessa preċedentament.

**46/6180/23/I** Email mingħand il-Perit ta’ De Domenico Developments fejn b'referenza għar-rilaxx tal-garanzija tal-bank bagħat disinn ta’ kif qed jipproponu l’issir il-bankina fi Triq Patri Indri Vella c/w Triq Mons. Alfredo Mifsud.

11.3.9 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/6180/23/I** fejn ippropona li l-Kunsill jirratifika d-deċiżjonijiet meħuda permezz tal-emails fejn l-iżviluppatur ġie ordnat jikkostruwixxi bankina in konformita` mal-istandards li filwaqt li tirrispetta l-proġett u t-tqassim il-ġdid tiegħu fl-istess waqt taqdi lir-residenti b’mod ġenerali u żżid il-parkeġġ minn dik oriġinalment proposta mill-iżviluppatur. Il-kelliem żied li qabel jiġu indirizzata l-punti li għad hemm pendenti fosthom manutenzjoni tal-paving blocks, reinstatement bil-hot tarmak kif ukoll li jitneħħa l-arblu temporanju, il-Kunsill ma jkunx f’pożizzjoni li jikkunsidra r-rilaxx tal-garanzija bankarja.

11.3.10 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

11.3.11 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6215/23/I** Email mingħand il-Ministeru tas-Saħħa fejn b'referenza għall-email li bagħat il-Kunsill dwar il-berġa s-Sinjorina Cauchi wieġbet li mill-aħħar email li kienu bagħtu fis-06/06/2023 kienu qed jistennew data minnaħa tal-Kunsill.

**46/6461/23/I** Email mingħand il-Ministeru għall-Politika Soċjali fejn b’referenza għall-berġa fil-lokal informat lill-Kunsill li wara l-laqgħa mal-Primary Health Care qed jistennew tweġiba minnaħa tal-Kunsill.

**46/6462/23/O** Tweġiba lill-Ministeru għall-Politika Soċjali b'referenza għall-berġa fejn infurmajnihom li l-Kunsill qed jesplora l-possibilita' li jitkellem mal-parroċċa u mal-Ministru Clifton Grima li jaf għandu spazju fil-binja li kienet tintuża qabel bħala l-iskola Primarja tal-lokalita'.

11.3.12 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/6215/23/I, 46/6461/23/I u 46/6462/23/O** fejn irrimarka li l-Kunsill iżomm din il-materja fuq l-aġenda tal-laqgħa li jmiss sabiex jassikura kontinwita`. Fil-frattemp il-kelliem informa lill-Kunsill illi tkellem informalment mal-Ministru Clifton Grima li wera d-disponibilita` tiegħu li jgħin biex jinstab spazju f'dik li serviet preċedentement bħala l-iskola primarja Bice Mizzi Vassallo, u li għandha ssir laqgħa fuq il-post appena jgħaddu dawn l-ewwel jiem ta' ftuh ta' l-iskejjel. Fil-frattemp, il-kelliem irrimarka li kif issuġerit mill-Primary Health Care, bdew diskussjonijiet mal-Parroċċa fejn il-Kappillan ma ħasx li kellu jidħol wisq fid-diskussjoni f'dan l-istadju peress li wasal biex jiġi re-assenjat.

**46/6218/23/I** Email mingħand il-WSC fejn talbu biex issir laqgħa mal-Kunsill fit-12 jew fl-14 ta' Settembru, 2023.

11.3.13 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/6218/23/I** fejn il-kelliem informa li din il-laqgħa fil-fatt saret. Il-pjan huwa li jsiru trinek fit-toroq kollha taż-żona bejn Triq Camillo Sciberras, Triq il-Fortizza, Triq il-Mediterran u Triq Gabriele Henin fuq medda ta' numru ta' xhur sabiex jinbidlu servizzi tal-ilma fid-djar peress li jidher li ddeterjoraw b'mod allarmanti. Il-kelliem żied li minħabba numru ta' potenzjali diffikultajiet b'dan il-proġett il-Kunsill ġie nformat li l-korporazzjoni ser titkellem il-materja f'livelli għola u li għandha tiġi skedata laqgħa mal-Kunsill dwar il-passi li jmiss.

**46/6243/23/I** Email mingħand residenta fejn taqbel l'issir ir-road hump quddiema fi Triq il-Mediterran.

**46/6244/23/I** Email mingħand resident fejn qed joġġezzjona bil-qawwa kollha l'issir road hump quddiemhom fi Triq il-Mediterran.

**46/6245/23/I** Email mingħand resident fejn qed joġġezzjona bil-qawwa kollha l'issir road hump quddiemhom fi Triq il-Mediterran.

**46/6293/23/I** Email mingħand numru ta' residenti fejn qed joġġezzjonaw bil-qawwa kollha l'issir road hump quddiem ir-residenza tagħhom fi Triq il-Mediterran.

**46/6343/23/I** Email mingħand resident fejn qed joġġezzjona bil-qawwa kollha l'issir road hump quddiemhom fi Triq il-Mediterran.

**46/6380/23/I** Email mingħand resident fejn qed joġġezzjona bil-qawwa kollha l'issir road hump quddiemhom fi Triq il-Mediterran.

11.3.14 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/6243/23/I, 46/6244/23/I, 46/6245/23/I, 46/6293/23/I, 46/6343/23/I, 46/6380/23/I** u għall-laqgħa pubblika u d-diversi emails li rċieva l-Kunsill dwar is-suġġett, fejn ippropona li l-Kunsill japplika sabiex issir biss road hump waħda bejn ir-residenzi bin-numru 35 sa 48 peress li jidher li dwar din biss hemm qbil. Il-kelliem żied li tali road hump għandha ssir skond l-istandards u kostruwita bit-tarmak kif diskuss fl-istess laqgħa, u dan wara li l-Kunsill issa jikseb il-permessi neċessarji ta' TM.

11.3.15 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda u żied li magħhom għandhom isiru tabelli u marki mal-art li jindikaw slow u 40 km/h.

11.3.16 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6277/23/I** Email mingħand il-Kunsillier Ray Lanzon fejn informa l-Kunsill li attenda l-laqgħa dwar Skemi ta' parkeġġi residenzjali fil-lokalitajiet u staqsa jekk f'dawn l-aħħar snin il-Kunsill kellux talbiet għal tali talbiet.

**46/6516/23/I** Email mingħand il-Kunsillier Ray Lanzon fejn b'referenza ghall-iskema ta' parkeġġ residenzjali talab inressqu l-proposta tar-residenti fil-laqgha li jmiss tal-Kunsill ħalli tasal qabel l-aħħar ta' Settembru u bagħat ritratt tal-iskema kif inhi llum.

**46/6566/23/I** Korrispondenza mingħand l-AKL dwar ir-Residential Parking Scheme.

11.3.17 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/6277/23/I u 46/6516/23/I u 46/6566/23/I** fejn fakkar lill-Kunsill li din il-kwistjoni riċentament ġiet diskussa wkoll f'laqgħa tal-Kunsill fejn il-Kunsill Lokali talab kjarifika/konferma li fil-fatt dawn l-iskemi kienu għadhom iffriżati. Il-kelliem żied li ladarba jidher li jista` jagħti l-każ li kien hemm ripensament, talab l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex issir l-applikazzjoni meħtieġa. Il-kelliem żied li b'mod speċjali tali applikazzjoni għandha tiprijoratizza żieda ta' siegħat ta' parkeġġ ristrett fis-siegħat ta' filgħodu.

11.3.18 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li fil-passat kien hemm talbiet simili minn residenti li joqgħodu fl-akwata ta' Triq Madre Margherita de Brincat, Triq Patri Serafin Zarb, Triq Gioacchino Le Brun, Triq Normandy, Triq il-Battalja ta' Malta, Triq ir-Reġimenti Maltin, Triq Tobruk, Triq Pietru D'Armenia, Triq Normandy, Triq San Patrizju, Wesgħet ix-Xelter u Triq Misraħ il-Fortizza.

11.3.19 Wara diskussjoni li saret, is-Sindku Dean Hili ippropona li fil-jiem li ġejja għandha issir laqgħa għar-residenti ta' Triq il-President Anton Buttigieg, Triq Bice Mizzi Vassallo, Triq Jum Pembroke u Triq Sir Luigi Preziosi.

11.3.20 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

11.3.21 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6349/23/I** Email mingħand il-Kunsillier Ray Lanzon fejn informa l-Kunsill li kellu lmenti mingħand residenti fi Trejqet Patri Odorik Grima li faċċata quddiemhom hemm kolonja kbira ta' ħamiem li qeda tikber aktar u staqsa nistgħux inkellmu d-dipartiment.

11.3.22 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/6349/23/I** fejn ippropona li l-Kunsill jawtorizza lis-sur Lanzon isegwi l-materja mal-AKL peress li jidher li hemm tentattiv sabiex l-alf tal-ħamiem jerġa' jiġi distribwit minnhom.

11.3.23 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

11.3.24 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6355/23/I** Email mingħand il-Med Developers fejn bagħat il-parir tekniku b'referenza għall-ilment ta' residenta dwar infiltrazzjoni ta' ilma fil-basement tagħha.

11.3.25 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/6355/23/I** fejn irrimarka li fil-fehma tiegħu mhuwiex ġustifikabbli li l-Kunsill jerġa' jagħmel tarġa fuq bankini li wara kollox saru biex ikunu aċċessibbli. Il-Kelliem ippropona li r-residenta għandha tingħata l-parir li timmodifika l-għoli tal-katusa biex tiġi livell mal-gutter li sar ġdid.

11.3.26 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

11.3.27 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6365/23/I** Email mingħand l-iskola St. Michael fejn informat lill-Kunsill li l-parkeġġ biswit l-iskola għadu jintuża fil-ħin ta' filgħodu bejn 8.00am u 9.00am għat-trasport tal-iskola waqt xi ħarġa u wara nofsinhar għadu jintuża l-istess.

11.3.28 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/6365/23/I** fejn ippropona li l-Kunsill jekk hemm bżonn għandhom jinbidlu t-tabelli peress li bjadu, iżda għandu jinżamm l-istess ħinijiet kif kienu approvata minn TM.

11.3.29 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

11.3.30 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6368/23/I** Email mingħand il-Kunsill Lokali San Ġiljan fejn qed jipproponu li t-Triq bla isem uffiċjali ġewwa Pembroke u San Ġiljan tissemma Triq Moynihan.

**46/6421/23/O** Email mingħand is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg lill-membri tal-Kunsill fejn staqsejna x'jaħsbu jekk it-triq li bħalissa tinsab bla isem u li għadejja diskussjoni fuqha jsibux oġġezzjoni jekk il-Kunsill jissuġġerixxi li tissema għall-pumpier li tilef ħajtu.

**46/6422/23/I** Email mingħand is-Sindku Dean Hili fejn informa l-Kunsill li ma jsibx oġġezzjoni li t-triq ta' bla isem tissemma għall-pumpier li tilef ħajtu.

**46/6426/23/I** Email mingħand il-Kunsillier Charles Cesare fejn informa l-Kunsill li ma jsibx oġġezzjoni li t-triq ta' bla isem tissemma għall-pumpier li tilef ħajtu.

**46/6436/23/I** Email mingħand il-Kunsillier Ray Lanzon fejn informa l-Kunsill li ma jsibx oġġezzjoni li t-triq ta' bla isem tissemma għall-pumpier li tilef ħajtu.

**46/6521/23/I** Email mingħand il-Kunsill Lokali San Ġiljan jinfurmaw lil-Kunsill li jaqblu mas-suġġeriment li t-triq tissemma għall-Pumpier LATO 22 Joseph Zammit.

11.3.31 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/6368/23/I, 46/6421/23/O, 46/6422/23/I, 46/6426/23/I, 46/6436/23/I u 46/6521/23/I** fejn ippropona li l-Kunsill isegwi s-suġġeriment tiegħu issa li dan sab l-appoġġ ukoll tal-Kunsill ġar tagħna.

11.3.32 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

11.3.33 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6375/23/I** Email mingħand LGD dwar l-implimentazzjoni tas-sistema Soft Telephony lines.

11.3.34 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/6375/23/I** fejn ippropona li l-Kunsill juri l-interess tiegħu.

11.3.35 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

11.3.36 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6395/23/I** Email mingħand MIB Insurance fejn bagħtu renewal notice tal-polza tal-assigurazzjoni.

11.3.37 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/6395/23/I** fejn talab l-approvazzjoni li din tiġġedded.

11.3.38 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

11.3.39 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6396/23/I** Email mingħand il-Med Developers fejn bagħtu l-pjanti emendati ta' San Patrizju għall-approvazzjoni tal-Kunsill qabel ma jintbagħtu lil PA.

**46/6514/23/I** Email mingħand il-Med Developers fejn reġgħu bagħtu l-pjanti riveduti ta' San Patrizju għall-approvazzjoni tal-Kunsill qabel ma jintbagħtu lil PA.

11.3.40 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/6396/23/I u 46/6514/23/I** fejn ippropona li l-Kunsill japprova l-pjanti kif emendati.

11.3.41 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

11.3.42 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6418/23/I** Email mingħand Mica Med fejn bagħtu l-kwotazzjoni ta' l-arblu li jrid jiġi rranġat ġewwa Triq Pietru D'Armenia fejn informaw lill-Kunsill li l-lanterna mkissra m'għadiex fil-produzzjoni u għalhekk iridu jinbidlu tlieta oħra li qegħdin fl-istess sit.

**46/6431/23/I** Invoice mingħand il-J&K Contractors għall-irranġar tal-pedestall fi Triq Pietru D'Armenia.

11.3.43 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/6418/23/I u 46/6431/23/I** fejn ippropona li l-Kunsill isostni t-talba tiegħu għar-rimbors ta' tali spejjeż.

11.3.44 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

11.3.45 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6419/23/I** Email mingħand APCO fejn talbu l-permess tal-Kunsill biex isir attivita' ta' clean up.

11.3.46 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/6419/23/I** fejn ippropona li l-Kunsill japprova din it-talba u talab lill-Kunsill jikkonsidra s-soft areas fi Triq Burma fost ohrajn.

11.3.47 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

11.3.48 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6454/23/I** Email mingħand il-Paroċċa ta' Pembroke fejn informat lill-Kunsill li fis-6 ta' Ottubru 2023 fis-7.00pm ser issir pellegrinaġġ tal-Festa

tal-Madonna tar-Rużarju u talbet l-approvazzjoni tal-Kunsill kif ukoll il-preżenza tal-pulizija sabiex jidderiġu t-traffiku.

11.3.49 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/6454/23/I** fejn ippropona li l-Kunsill jagħmel dak li huwa mitlub minnu u jassisti kif jista`.

11.3.50 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

11.3.51 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6460/23/I** Email mingħand residenta fejn bagħtet ilment dwar l-Ibins li hemm ġewwa Triq Gabriele Henin minħabba li qed jkun hemm ħafna skart mal-madwar li qed jarmu n-nies u ssuġġerit li jsir IBIN ieħor tal-karti u jiġu nstallati cameras.

**46/6470/23/I** Email mingħand is-Sindku Dean Hili fejn b'referenza għall-ilment li rċieva l-Kunsill minħabba l-Ibins ta' Triq Gabriele Henin huwa ta' l-opinjoni l'issir camera.

11.3.52 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/6460/23/I u 46/6470/23/I** fejn ippropona li l-Kunsill, bl-għajnuna ta' LESA u/jew GreenPak jikkonsidra l-installazzjoni ta' camera fis-sit in kwistjoni. Il-kelliem żied li huwa ċar li s-sit qiegħed jara żieda fl-ammont ta' skart bulky li qiegħed jiġi ddepożitat madwaru u fi triq prominenti bħal din jixraq li ż-żona tinżamm fi stat aħjar, anke peress li fil-futur qarib il-Kunsill jittama li jkollu bankina l'iżżid it-traffiku bil-pass fl-akwata.

11.3.53 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

11.3.54 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6463/23/O** Email lil Infrastructure Malta fejn infurmajnihom li l-Kunsill ġie nfurmat li t-tarmak li sar ftit tas-snin ilu fi Trejqet Patri Odorik Grima, preċiżament quddiem Blokk 8, ser jerġa' jinqala minħabba li jżomm l-ilma u staqsejna min ser ikun il-kuntrattur u meta ser isir ix-xogħol.

**46/6464/23/I** Email mingħand Infrastructure Malta fejn dwar l-ilma fi Triq Patri Odorik Grima informaw lill-Kunsill li ġie deċiż li ser jiġi nstallat sprall/kanal sabiex jintuża għall-passaġġ tal-ilma tax-xita ta' wiċċ it-triq.

**46/6465/23/I** Email mingħand Infrastructure Malta fejn informaw lill-Kunsill li l-Perit ikkonċernat infurmhom li ser isir stormwater catchment fil-parti fejn hija affettwata bl-ilma u l-kuntrattur se jkun Excel SIS u ġie mitlub biex japplika għall-permess neċessarju ħalli jibda x-xogħol.

**46/6480/23/I** Email mingħand il-Kunsillier Ray Lanzon fejn issuġġerixxa l'issir laqgħa ma' IM dwar ix-xogħol li ser isir.

11.3.55 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/6463/23/O**, **46/6464/23/I, 46/6465/23/I u 46/6480/23/I** fejn ippropona l'issir laqgħa għar-residenti konċernata biex jiġi spjegat lilhom dak li qed jiġi propost minn IM.

11.3.56 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

11.3.57 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6484/23/I** Email mingħand il-J&K Contractors fejn bagħat kwotazzjoni tal-bankina ta' Triq Gabriele Henin għall-prezz ta’ €84,224.24.

11.3.58 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/6484/23/I** fejn informa lill-Kunsill li l-istima ġiet mitluba minn IM peress li l-kuntrattur tagħhom ilmenta mill-fatt li għadda wisq żmien minn meta ssottometta l-offerta tiegħu u li minn dakinhar żdied il-prezz tal-materjal. Il-kelliem ippropona l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex ninsistu li din issir bil-kuntrattur tagħna, bid-dritt li niġbru l-flus lura, u dejjem billi l-istess xogħol jiġi ssorveljat mill-Periti ta’ IM minħabba x-xogħol li sar fit-triq.

11.3.59 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

11.3.60 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6494/23/I** Email mingħand Bulletproof Culture fejn bagħtu proposta lill-Kunsill biex jagħmel outdoor fitness space.

11.3.61 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/6494/23/I** fejn informa lill-Kunsill li tkellem mal-istess entita` bit-telefon fejn ġew informati li l-Kunsill m’għandux f’moħħu sit idoneju għad li jkun lest jiddiskuti l-ideat tagħhom kemm-il darba jfitxu spazju li jista’ ikun suffiċjenti għalihom. Il-kelliem ippropona li l-Kunsill jimxi fuq din il-linja.

11.3.62 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

11.3.63 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6495/23/I** Email mingħand LGD dwar il-Kampanja kontra l-Influwenza Staġjonali 2023-2024.

11.3.64 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/6495/23/I** fejn ippropona li l-Kunsill jippartecipa f’din l-inizjattiva.

11.3.65 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

11.3.66 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6568/23/I** Email mingħand numru ta’ residenti li joqgħodu Triq Gioacchino Le Brun jitolbu li jsir intervent fit-triq fejn ikunu jistgħu idawru l-vetturi peress li ser tiġi cul-de-suc.

11.3.67 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/6568/23/I** fejn ippropona li l-Kunsill għandu jressaq din it-talba lill-IM għall-kunsiderazzjoni tagħhom.

11.3.68 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

11.3.69 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 11.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri.

11.4.1 Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet, is-Sindku Dean Hili għadda għall-item li kien imiss.

## 11.5 Rapporti, ilmenti u ordnijiet ta’ xogħlijiet.

11.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg ippreżenta lill-Kunsill:

- **Internal Memo 12/2023** - Rapport tal-laqgħa dwar proposta għal Road Humps fi Triq il-Mediterran **(Ara Dok 1)**
- **Internal Memo 13/2023** - Lista ta' works orders maħruġa bejn laqgħa referenza 10/K8/23 u 11/K8/23 **(Ara Dok 2)**

11.5.2 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-**Internal Memo 13/2023** dwar works orders maħruġa bejn laqgħa u oħra, fejn ippropona r-ratifikazzjoni tagħhom, liema works orders inħarġu skond l-esiġenzi li kellu l-Kunsill.

11.5.3 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

11.5.4 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 11.6 In-nuqqas t'attendenza għall-laqgħat mill-Viċi Sindku Omar Elaref Arab.

11.6.1 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza 46/6168/23/O. **(Ara Dok. 3)**

11.6.2 Il-Viċi Sindku Omar Elaref Arab irrimarka li n-nuqqas tiegħu kien minħabba raġunijiet personali.

11.6.3 Is-Sindku Dean Hili stieden lill-Viċi Sindku Omar Elaref Arab, biex kemm jista' ikun malajr, u sa qabel il-laqgħa li jmiss, iwieġeb għall-ittra tal-Kunsill, ħalli eventwalment fil-laqgħa li jmiss il-Kunsill ikun jsita' jagħmel ir-rakkomandazzjoni tiegħu lill-Ministru.

## 11.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti.

11.7.1 Is-Sindku Dean Hili ippreżenta l-iskeda tad-dħul u ħruġ. **(Ara Dok. 4, 5, 6, 7 u 8)**

11.7.2 Wara li l-Kunsilliera raw u skrutinaw il-kontijiet ippreżentati, is-Sindku Dean Hili ippropona l-approvazzjoni tal-kontijiet kollha kif irrakkomandat, fejn minbarra l-kont tal-Yama Yami għax-xahar ta' Ġunju peress li s-superviżjoni mhux issir kif mistenni inkluż li ritratti mitluba tax-xogħlijiet li saru fl-aħħar ġimgħat, għadhom ma waslux, magħhom jiżdiedu ukoll, il-kont ta' Mario Darmanin peress li x-xogħol finali għad ma laħaqx l-aspettativa tal-Kunsill, il-kont ta' GAM Ltd sakemm tiġi provduta l-informazzjoni pendenti, u ta' Paul Magri minħabba kontestazzjonili qed jagħmel il-Kunsill.

11.7.3 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

11.7.4 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 11.8 Mozzjonijiet.

11.8.1 Is-Sindku Dean Hili informa lill-Kunsill li ma kienu daħlu ebda mozzjonijiet u għalhekk għadda għall-item li kien imiss.

## 11.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

11.9.1 Is-Sindku Dean Hili għalaq il-laqgħa fis-16:25pm wara li unanimament kien hemm qbil li l-laqgħa tiġi aġġornata għal nhar it-Tlieta 24 ta' Ottubru 2023 fl-4:30pm.

**Konfermati, illum 24 ta' Ottubru, 2023**

**IFFIRMAT**

Avv. Dean Hili
**Sindku**

**IFFIRMAT**

Kevin Borg
**Segretarju Eżekuttiv**

**Kunsill Lokali Pembroke**
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

Dok 1

**Internal Memo Referenza 12/2023** **31 ta' Awwissu 2023**

# Rapport tal-laqgħa dwar proposta għal Road Humps fi Triq il-Mediterran

Il-laqgħa saret fis-sala tal-Kunsill nhar it-Tlieta 12 ta' Settembru 2023 fis-6:00pm. Preżenti għall-Kunsill kien hemm is-Sindku Dean Hili, il-Kunsillier Charles Cesare, il-Kunsillier Raymond Lanzon u s-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg. Il-Viċi Sindku Omar Arab u l-Kunsillier Désirée Vella Brincat kienu assenti.

Kien hemm preżenti wkoll 17-il resident.

Is-Sindku fetaħ il-laqgħa fejn informa lill-dawk preżenti li abbażi tal-ittra li l-Kunsill bagħat f'kull residenza ta' Triq il-Mediterran **(Dok. 1)**, il-Kunsill kien irċieva 3 oġġezzjonijiet u email mingħand persuna, li għalkemm mhux propost l'issir road hump quddiem id-dar tagħha, infurmat lill-Kunsill li kienet lesta li taċċettaha. **(Dok. 2, 3, 4 u 5)**

Waqt il-laqgħa, residenta ippreżentat lill-Kunsill dokument f'diversi firem fuqu dwar min jaqbel u min le li jsiru road humps fi Triq il-Mediterran. **(Dok. 6)**

Dawk preżenti ġew mistoqsija individwalment jekk jaqblux li quddiem u/jew eżatt biswit il-propjeta' tagħhom jaqblu li tiġi installata road hump. Ir-rispons kien kif ġej:

| Dar numru | Isem u kunjom | Taqbel | Ma taqbilx |
|---|---|---|---|
| 4 | Farrugia Raymond | | X |
| 13 | Sammut Vince u Lorraine | | X |
| 18 | Mercieca Karl obo Frank Mercieca | X | |
| 19 | Grixti Carmel u Carmen | | X |
| 35 | Farrugia Norman | X | |
| 38 | Sargent Walter | X | |
| 44 | Clark Shaun Michael | X | |



PEMBROKE

| | | | |
|---|---|---|---|
| 45 | Micallef Raymond | X | |
| 46 | Alegren Hans-Axel | X | |
| 48 | Abdilla Josette | X | |
| 53 | Baldacchino Peter | | X |
| 54 | Andrew Gregory | | X |
| 57 | Spiteri George | | X |
| 81 | Brincat Carmelo u Maria | | X |

Dawk preżenti ġew infurmati li mit-tlett postijiet proposta fejn isiru r-road humps, jidher li l-ewwel waħda li tinsab meta ġejjin mid-direzzjoni ta' San Ġiljan, m'hemmx qbil fuqha u għalhekk mhux ser jintalab permess għaliha, filwaqt li dwar it-tnejn l-oħra, il-Kunsill ser jipprepara dikjarazzjoni li trid tiġi iffirmata mir-residenti konċernata li quddiemhom u/jew ma' ġembhom ser jintalab il-permess, fejn ikun hemm konferma tal-kunsens tagħhom.

Il-laqgħa ntemmet fis-7:15pm.

Kevin Borg
***Segretarju Eżekuttiv***

**Awtorizzazzjoni tas-Sindku Dean Hili sabiex tiġi ċċirkolata lill-Kunsilliera**

Kunsill Lokali Pembroke
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

Pembroke Local Council
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

Dok 1

**Rif. Tagħna** : 46/6120/23/O/121
**Rif. Tiegħek** :
**Rif. Interna.** : **Min.08/K8/2023-08.3.6,46/3718/23/I,46/3979/23/I,46/4188/23/I 46/4463/23/O Min.10/K8/2023-10.3.1,46/4786/23/I, 46/5201/23/I u 46/5299/23/I**

4 ta' Settembru 2023

**Lir-Residenti**
Triq il-Mediterran,
Pembroke.

**Att: Lir-Resident**

# Road humps fi Triq il-Mediterran

Permezz ta' din l-ittra nixtieq ninfurmakom li wara r-rispons li kellu l-Kunsill dwar jekk għandhomx isiru jew le road humps fi Triq il-Mediterran kif ukoll ir-rakkomandazzjoni ta' Transport Malta, il-Kunsill ħass li jkun għaqli jekk issir laqgħa magħkom ir-residenti fuq dan is-suġġett sabiex tittieħed deċiżjoni darba għal dejjem.

Annessa ma din l-ittra qiegħed nannetti site plan tentattiv li jindika fejn l-espert fi ħdan Transport Malta li ġie kkonsultat mill-Kunsill Lokali, issuġġerixxa li għandhom isiru tali road humps.

Għalhekk qed nitolbok tattendi għall-laqgħa li ser issir nhar **it-Tlieta 12 ta' Settembru fis-6.00pm ġewwa l-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill.**

Filwaqt li nirringrazzjak bil-quddiem tal-koperazzjoni tiegħek,

Tislijiet,

Avv. Dean Hili
*Sindku*

***Kopja :***

PEMBROKE

10/14

51/53

84/86




**Sindku** : Avv. Dean Hili LL. D. **Viċi Sindku** : Omar Elaref Arab
**Kunsilliera** : Dr. Désirée Vella Brincat M.D., Charles Cesare u Raymond Lanzon
**Segretarju Eżekuttiv** : Kevin Borg

Hili

Dok 2

7/9/23.

Jiena Carmel Grixti 47814(M) li

19, Triq il- Mediterran, nixtieq

nirra fuq ir- rampi li ħa jsiru

it- triq.

Dan minħabba dawn ir- raġunijiet:

- periklu (kelli esperjenza kerha)
- storbju
- inkonvinjent.

jixtieqhom wara biebu jista jagħmilhom.

le.

Kunsill Lokali
Pembroke

09 SEP 2023

[illegible]

Grazzi
Carmel Grixti
(9914 1443)

Dok 3

## Pembroke Local Council at Pembroke Local Council

**From:** Charles Bonello <charles.bonello@um.edu.mt>
**Sent:** 07 September 2023 19:06
**To:** Pembroke Local Council at Pembroke Local Council
**Subject:** Service to the community

**Categories:** Saved, To reply, Council meeting

CAUTION: This email originated from OUTSIDE the Government Email Infrastructure. DO NOT CLICK LINKS or OPEN attachments unless you recognise the sender and know the content is safe.

Attention: Pembroke Local Council Mayor: Dr D.Hili,

We hope that this email finds you well. Regrettably my wife and I cannot make it to the meeting on the 12th of September due to another commitment. Therefore, we are presenting our view on the matter through this email.

We believe that all Pembroke residents should in some way contribute to giving a service to the town. As you might be aware we have put this into practice as we have had telephone lines fixed to our facade [10, Kaire, Triq il-Mediterran Pembroke] for the past 36 years. This means that whenever works need to be carried out on these lines such as the installation of optic fibre lines the GO staff would need to work on our facade. We take this as our contribution to the Pembroke community even if at times the inconvenience caused is indeed significant.

We therefore felt rather surprised that on viewing the site plan we noticed that one of these road bumps is in close proximity to our residence. We are aware that such an installation would provide a number of inconveniences that we are sure you are also aware of. We therefore would like to appeal to your kind self and your council members' good sense to accept our strong objection and outright disapproval to the installation of this road bump in close proximity to our house and hence to find an alternative location for this installation. In this way the sharing of burdens and inconveniences would be more fairly and equally distributed in Pembroke.

Kind regards
Charles & Annabelle Bonello

Kunsill Lokali Pembroke
07 SEP 2023
46/6245/23/I

--
Dr. Charles Bonello
Senior Lecturer in Science Education

Department of Mathematics and Science Education
Rm: 225B Old Humanities Building
Faculty of Education
University of Malta
Msida MSD2080
Malta

**Tel [Office]: [00356] 2340 3415**
**Tel [Home]: [00356] 21372603**
**email: charles.bonello@um.edu.mt**

Dok 4

## Pembroke Local Council at Pembroke Local Council

| | |
|---|---|
| **From:** | Vince Sammut <vincesammut@yahoo.com> |
| **Sent:** | 06 September 2023 20:34 |
| **To:** | Pembroke Local Council at Pembroke Local Council |
| **Subject:** | Road Humps fi Triq il-Mediterran |
| **Categories:** | Saved, To reply, Council meeting |

CAUTION: This email originated from OUTSIDE the Government Email Infrastructure. DO NOT CLICK LINKS or OPEN attachments unless you recognise the sender and know the content is safe.

Sur Sindku,

B'referenza ghac-cirkulari 46/6120/23/0/121 rigward ir- Road Humps fi Triq il-Mediterran, nixtieq noggezzjona bil-qawwa kollha li bhala residenti ma naqbilx li ssir quddiemi minhabba:

- Storbju li jaghmel kull trakk li jghaddi specjalment jekk ikun mghobbi w dawn ser jizdiedu issa aktar minhabba l- progett ta' DB ex ITS.
- Minhabba n-natura tax-xoghol tieghi dan l-istorbu ma' ihallieniex nistrieh.
- Periklu peress li ssewwieqa jghaddu minn mal-gemb biex jevvitaw ir-rampi.
- Arja aktar mahmuga minhabba li kull darba rried jaqla bil-first.

Dan qed nghidu ghax skond il pjanta, fejn hemm ic -cirku jigi quddiemi, u ghalhekk qed naghmillha cara minn issa, halli wara ma jkollniex problemi. Anke l-gar tieghi is- Sur Charles Bonello Plot No 11, oggezzjona ukoll fuq l-istess kriterji.

Nirringrazzjak bil-quddiem,

Kunsill Lokali Pembroke
06 SEP 2023
46/6244/23/I

Vince Sammut

Plot No 13

Mob 79372635

Dok 5

## Pembroke Local Council at Pembroke Local Council

| | |
|---|---|
| **From:** | Sandra Calleja <sandra.calleja@maltaenterprise.com> |
| **Sent:** | 11 September 2023 10:16 |
| **To:** | Pembroke Local Council at Pembroke Local Council |
| **Subject:** | Road Humps in Mediterranean Street, Pembroke |
| **Categories:** | Saved, To reply, Council meeting |

CAUTION: This email originated from OUTSIDE the Government Email Infrastructure. DO NOT CLICK LINKS or OPEN attachments unless you recognise the sender and know the content is safe.

Dear Dr Hili, good morning and hope you are well.

I wish to inform you that due to an emergency I will not be able to attend tomorrow's meeting regarding the subject in caption.

According to the notification and site plan, it is being recommended that one of the road humps be allocated right in the middle of Mediterranean Street. I wish to inform you that if anyone is not in agreement with the location being recommended, I find no objection whatsoever to have a road hump allocated further down, to my address as indicated hereunder.

I take this opportunity to thank you and your team for the stellar work.

Sincerely

Sandra Calleja
94, Mediterranean Street
Pembroke PBK 1251

ID: 0144269M
Mob: 9980 4737

Kunsill Lokali
Pembroke
11 SEP 2023

46/6243/23/I

Dok 6

# Installation of road bumps

## Triq il- Mediterran

| House Nr | Yes | Yes, in front | No | Signature |
|---|---|---|---|---|
| No 1 | ✓ | ✓ | | [signature] |
| Nº 4 | ✓ | | | [signature] |
| NR. 7 | [illegible] | | | CAMERA |
| No 10 | ✓ | | | [signature] |
| Nº 13 | ✓ | | | [signature] |
| No 14 | ✓ | | | [signature] |
| NR. 19 | | | ✓ | |
| old. 129 | ✓ | | | [signature] |
| No 35 | ✓ | | | [signature] |
| Nº 38. | ✓ | | | [signature] |
| Nº 42 | ✓ | | | [signature] |
| No 66 | ✓ | | | [signature] |
| No 67 | ✓ | | | J. Tanti |
| No 99. | ✓ | | | Farrugia |
| No. [illegible] | ✓ | | | [signature] |
| NR. 32 | ✓ | | | Junfeng Li |

# Installation of road bumps

## Triq il- Mediterran

| House Nr | Yes | Yes, in front | No | Signature |
|---|---|---|---|---|
| 70 | | | CAMERAS WOULD BE IDEAL | [signature] |
| Old 21 / New 50. | ✓ | | | [signature] |
| 48 | ✓ | Or even Cameras | | [signature] |
| 104/Jewel Court Ap. 4 | ✓ | ✓ | camera | [signature] |
| Jewel Court Flt 2 | ✓ | ✓ | | [signature] |
| Jewel court flt 3 | ✓ | | cameras would be better | [signature] |
| JEWEL COURT FLT 6 | ✓ | | CAMERA | [signature] |
| 45 | | ✓ | | [signature] |
| | | | | |
| | | | | |
| | | | | |
| | | | | |
| | | | | |
| | | | | |
| | | | | |
| | | | | |
| | | | | |

# Installation of road bumps

## Triq il- Mediterran

| House Nr | Yes | Yes, in front | No | Signature |
|---|---|---|---|---|
| 70 | ✓ | | CAMERAS WOULD BE IDEAL | [signature] |
| old 21 / New 50. | ✓ | | | [signature] |
| 48 | ✓ | or even Cameras | | [signature] |
| 101 | ✓ | | | [signature] |
| | | | | |
| | | | | |
| | | | | |
| | | | | |
| | | | | |
| | | | | |
| | | | | |
| | | | | |
| | | | | |
| | | | | |
| | | | | |
| | | | | |

**Kunsill Lokali Pembroke**
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

Dok 2

**Internal Memo Referenza 13/2023** **27 ta' Settembru 2023**

# Lista ta' works orders li jinħtieġ li jiġu ratifikata bejn il-Laqgħa 10/K8/23 u 11/K8/23

| Referenza | | Kuntrattur | Xogħol ordnat |
|---|---|---|---|
| 156 | 2023 | Mica Med | Tlabna jirrenġa lampa W064 fi Triq Gabriele Henin |
| 161 | 2023 | Mica Med | Tlabna tiġi ranġatta lampa Z003 fi Triq Don Luigi Rigord |
| 162 | 2023 | B. Grima and Sons | Tlabna biex jiġu mmarkata l-parkeġġi ta' fejn il-garaxxijet fi Trejqet Patri Odorik Grima |
| 163 | 2023 | F. Zammit Garden Centre | Ordnajna classic posy yellow & white għall-prezz €35 inkluż vat + €7 delivery għall-funeral tas-Sur Laro 22 Joseph Zammit |
| 164 | 2023 | Mica Med | Tispezzjona u tirranga d-dawl f'sit B |
| 165 | 2023 | B. Grima and Sons | Tlabna biex issir il-mera fi Triq L.Mifsud Tommasi ma Triq Giorgio Mitrovich |

Kevin Borg
*Segretarju Eżekuttiv*

**Awtorizzazzjoni tas-Sindku Dean Hili sabiex tiġi ċċirkolata lill-Kunsilliera**

PEMBROKE

Dok 3

Kunsill Lokali Pembroke
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta
Tel: (356) 2137 2111 Fax: (356) 2137 2555
Web: www.pembroke.gov.mt
e.mail: pembroke.lc@gov.mt

Pembroke Local Council
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta
Tel: (356) 2137 2111 Fax: (356) 2137 2555
Web: www.pembroke.gov.mt
e.mail: pembroke.lc@gov.mt

**Rif. Tagħna** : 46/6168/23/O/166G
**Rif. Tiegħek** :
**Rif. Interna.** : **Minuti 10/K8/2023 – 10.12.1**

6 ta' Settembru 2023

**Is-Sur Omar Elaref Arab**
Dr C, Flat 10,
Triq Juno,
Pembroke, PBK 1670.

**Att: Il-Viċi Sindku Omar Elaref Arab**

# Nuqqas t'attendenza

Permezz ta' din l-ittra f'isem il-Kunsill Lokali Pembroke ġentilment nixtieq ninfurmak li wara n-nuqqas t'attendenza tiegħek għat-tielet laqgħat precedenti, li jfissru nuqqas t'aktar minn terz tal-laqgħat li saru f'perjodu ta' 6 xhur fit-termini tal-ligi, u peress li ma kien hemm l-ebda komunikazzjoni uffiċjali minnaħa tiegħek mal-Kunsill, skont Artiklu 18 tal-Att dwar il-Gvern Lokali (Kap 363), dan is-suġġett ser ikun qed jiġi diskuss fil-laqgħa li jmiss permezz t'item fuq l-aġenda.

Fiċ-ċirkostanzi jkun apprezzat jekk issir komunikazzjoni biex tinforma lill-Kunsill bl-intenzjonijiet tiegħek sabiex tittieħed nota tagħhom b'mod uffiċjali u b'hekk il-Kunsill ikun jista' jasal għad-deċiżjoni tiegħu b'aktar trankwillita.

Kif kelli wkoll l-opportunita` ninfurmak qabel informalment, għoddni dejjem disponibbli li niddiskuti kwalunkwe materja li jista` jkun li qiegħda fil-ħsibijiet tiegħek u li dwarha nista` b'xi mod inkun t'għajnuna.

Għaldaqstant filwaqt li nirringrazzjak bil-quddiem tal-koperazzjoni tiegħek, nibgħat inselli għalik;

Avv. Dean Hili
*Sindku*

*Kopja :*

PERSONAL (HTTP://WWW.MALTAPOST.COM/PERSONAL) BUSINESS (HTTP://WWW.MALTAPOST.COM/BUSINESS)
BUSINESS SUPPORT SERVICES (HTTP://WWW.MALTAPOST.COM/BUSINESS-SUPPORT)
PHILATELIC (HTTPS://WWW.MALTAPHILATELY.COM/)

(http://www.maltapost.com/home)



# Track your Item

Tracking Number

rr425931564mt

Search

**Note: 'Date' and 'Time' relate to the date and time when the item was scanned and may differ from the actual date and time of the event.**

**Local Barcode** **RR425931564MT**

Request Redelivery & Pay Charges

| Date | Time | Event | Location |
|---|---|---|---|
| 18 September 2023 | 07:49:56 | Item arrived at collection point | St Julians Post Office |
| 16 September 2023 | 12:01:45 | Forward to | St Julians Post Office |
| 16 September 2023 | 09:42:56 | Item could not be processed further<br>Reason: Addressee could not be reached<br>**Action: Addressee notified** | GHR 02 |
| 16 September 2023 | 06:56:59 | Item scheduled for physical delivery | GHR 02 |
| 15 September 2023 | 10:53:36 | Item forwarded to the delivery centre | PEMBROKE BEATS |
| 15 September 2023 | 09:43:16 | Item could not be processed further<br>Reason: Addressee could not be reached<br>**Action: Addressee notified** | GHR 02 |
| 15 September 2023 | 06:31:25 | Item scheduled for physical delivery | GHR 02 |
| 15 September 2023 | 02:11:39 | Item forwarded to the delivery centre | PEMBROKE BEATS |
| 15 September 2023 | 02:11:38 | Item departed from inbound mail sorting centre | PEMBROKE BEATS |
| 15 September 2023 | 02:11:25 | Item arrived at inbound mail sorting centre | Swieqi Post Office |
| 14 September 2023 | 07:36:43 | Item created | Swieqi Post Office |

**Contact Us (http://www.maltapost.com/faqs?name=Home)**
**Press Pack (http://www.maltapost.com/Press-Pack2014/Press-Pack-V04.pdf)**

Customer service (http://www.maltapost.com/customers-service?l=1)
Latest news (http://www.maltapost.com/latest-news?l=1)
About us (http://www.maltapost.com/about-us?l=1)
Investor Relations (http://www.maltapost.com/investor-relations?l=1)
Vacancies (http://www.maltapost.com/vacancies)
Outlets (http://www.maltapost.com/outlets?l=1)
Sitemap (http://www.maltapost.com/sitemap?l=1)

© 2023 MaltaPost | All rights reserved

Terms and conditions (http://maltapost.com/terms-conditions?l=1)
Privacy policy (http://www.maltapost.com/priv-policy?l=1)
Designed by Alert eBusiness (http://www.alert.com.mt) Developed by Swift Postal (http://www.swiftpostal.com/swift/home.aspx)